# Ir-Rapport ta' l-Eżaminatur Ewlieni tar-Reliġjon

# Eżami tar-Reliġjon

# Eżami tad-Dħul fl-Ewwel Klassi tal-*Junior Lyceum* 2002

## 1. L-Għan ta' l-Eżami

Il-karta ta' l-eżami nħadmet skond is-sillabu tar-Reliġjon u mqassma fuq tliet aspetti:

i. Kemm jafu l-istudenti
ii. Kemm jifhmu l-istudenti
iii. L-applikazzjoni fil-ħajja ta' l-istudenti

L-eżaminaturi raw li l-karta ta' l-eżami tkun qrib l-istudenti, kemm f'dik li hija lingwa kif ukoll f'dak li huwa kontenut. L-istampi min-naħa l-oħra għenu biex il-karta titqarreb aktar lejn l-istess studenti.

## 2. Kummenti dwar it-tweġibiet li ngħataw

**Mistoqsija A:** Agħmel salib ħdejn it-tweġiba t-tajba

Il-biċċa l-kbira ta' l-istudenti wieġbu din il-mistoqsija fuq San Pawl tajjeb ħafna ħlief fin-numru disgħa u għaxra fejn semmew postijiet li ma għandhomx x'jaqsmu ma' San Pawl. (Eżempju: Pwales, Naxxar, Rabat). Bħala għalliema rridu noqogħdu attenti meta nirrakkuntaw stejjer mill-Bibbja ħalli ma nagħtux importanza kbira lid-dettalji. Ħafna drabi dawn id-dettalji jkunu għadhom f'livell ta' riċerka. Ftit huma l-istudenti, ngħidu aħna li semmew l-akbar ħaġa li ġab San Pawl: il-FIDI f'Malta.

**Mistoqsija B:** Wieġeb dawn il-mistoqsijiet

F'din il-mistoqsija l-istudenti kellhom jiktbu affarijiet li ħalaq Alla, jirringrazzjawh, jfaħħruh u jagħmlu talba żgħira.

Ħafna studenti ħawdu bejn (a) Ġesu` u Alla (b) Ġesu` u l-Missier (ċ) tifħir u ringrazzjament. Xi studenti semmew opri tal-bniedem u mhux il-ħolqien t'Alla (Eżempju: djar, TV, ...). Irid isir iktar taħriġ biex ikun hemm aktar esperjenzi ta` tagħlim fejn l-istudenti jakkwistaw il-ħiliet ħalli jifhmu u japplikaw it-tagħlim tar-Reliġjon. (Eżempji huma d-diskussjonijiet u l-prattika vera fil-klassi.)

**Mistoqsija Ċ:** Imla l-vojt b'dan il-kliem

Dan l-eżerċizzju ttestja kemm it-tfal kienu jafu tagħrif dwar ir-reliġjon. Kważi l-kandidati kollha ġabu l-mistoqsijiet kollha tajbin. Xi ftit studenti ħawdu l-kelma "Messija" mal-kelma "Mulej".

**Mistoqsija D:** It-Talba tan-Nisrani: "Bi Kristu, ma' Kristu, fi Kristu".

Ingħatat storja fuq it-Talb b'għaxar mistoqsijiet. Fil-ktieb tal-*Year 6* hemm kapitlu sħiħ fuq Kristu, li hu "il-Pont, is-Sellum, il-Medjatur" bejn Alla u l-bniedem. It-tfal sabu diffikulta` kbira biex jirrispondu dan l-eżerċizzju. Forsi dan il-kapitlu ma ngħatax importanza biżżejjed? Forsi dan l-eżerċizzju kien jitlob ħsieb? Xi tfal ħawdu fit-tweġibiet u qalu li għandhom jitolbu għal Kristu, għall-Madonna jew għall-qaddisin.

**Mistoqsija E:** F'liema Sagramenti

L-istudenti urew li għandhom idea ċara fuq x'effetti għandhom is-sagramenti u ġabu kważi l-marki kollha. Il-konfużjoni li llum qed tinħoloq bejn is-sagrament tal-qrar u s-sagrament tat-tqarbin, li tħares lejn dawn iż-żewġ sagramenti qishom l-istess sagrament, ħolqot diffikulta` fin-numru sitta. Ħafna kienu l-istudenti li qalu li t-tqarbin jerġa' jgħaqqadna ma' Alla.

**Mistoqsija F:** Qabbel dawn is-sentenzi

Dan l-eżerċizzju fuq il-Quddiesa wera ċar li l-istudenti huma ppreparati ħafna fuq il-Quddiesa. Il-maġġoranza ġabu l-marki kollha.

**Mistoqsija Ġ:** Ikteb il-Kmandamenti ta' Alla

Fil-Kmandamenti għad hemm ħafna tfal li, għax iwieġbu kelma b'kelma bl-amment, mingħalihom li qed iwieġbu sew. Kwantita` kbira ta' tfal fit-tmienja, fid-disa` u l-għaxar Kmandament urew li ma jafux x'inhuma jiktbu u ħawdu bejn il-kelma "tixhidx" u "tixtieqx". It-tfal għandna nwassluhom li jużaw moħħhom b'mod aktar produttiv.

**Mistoqsija G:** F'liema kmandament qed nonqsu?

L-għan ta' dan l-eżerċizzju kien li l-istudenti juru li fehmu sewwa dak li tgħallmu fuq il-kmandamenti.

Ħafna huma l-istudenti li ma jafux japplikaw dak li tgħallmu u dan l-eżerċizzju kien jitlob ftit tal-ħsieb.

Il-fatt li l-kmandamenti ġew preżentati fil-pożittiv għamel l-eżerċizzju aktar diffiċli.

**Mistoqsija Għ:** Is-Sena Liturġika

Il-maġġoranza tal-kandidati ma għandhomx idea tal-festi kbar tal-knisja. Ħafna tfal tfixklu l-festi tal-Madonna bħall-Kunċizzjoni, Marija Bambina u Santa Marija. Il-festa ta’ Lapsi tfixkluha mal-festa ta’ Pentekoste.

**Mistoqsija H:** Fisser dawn il-kelmiet b’sinjal taħthom

Dan it-taħriġ jerġa’ jurina li hemm bżonn kbir li ngħallmu lit-tfal it-tifsira tat-talb li ngħidu ta’ kuljum.

Il-maġġoranża ta’ l-istudenti tilfu ħafna marki f’dan l-eżerċizzju.

Ħafna ma fehmux xi jridu jagħmlu, u flok ma fissru l-kelmiet b’sinjal taħthom, komplew it-talba li kien hemm fl-eżerċizzju.

Ħafna huma l-istudenti li ma jafux xi tfisser “Avukata”, “taħt is-saqaf tiegħi”, “bil-grazzja mimlija...”

## 3. Kumment Ġenerali

L-iskop ta' din il-karta huwa miexi mal-linja tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali li tgħid li rridu nagħtu aktar kas li l-kandidati jifhmu u japplikaw it-tagħlim fil-ħajja ta’ kuljum.

Fir-Reliġjon aħna ma nistgħux nisseparaw il-prattika fil-ħajja minn dak li nitgħallmu fuq il-bankijiet ta’ l-iskola. Importanti li niftakru li dak li ma ngħallmuhomx aħna jista’ jkun li ma jitgħallmuh qatt.

Xi żbalji komuni li għamlu l-kandidati f'din il-karta ta' l-eżami għandhom iġegħluna naħsbu jekk dak li qed ngħallmu lill-istudenti hux it-tagħlim sħiħ tal-Knisja. Ta’ min jirrifletti fuq l-iżbalji li saru mill-istudenti f’din il-karta. Tajjeb li nistaqsu:-

- Qegħdin ngħallmu t-tgħallim sħiħ tal-Knisja mingħajr ma niġu influwenzati minn soċjeta` sekolarizzata fejn min jgħajjat l-iżjed għandu raġun a skapitu ta’ min hu debboli?

- Qegħdin nagħmlu ħilitna biex it-tfal jitilgħu nsara tajbin fejn Ġesu` jgħallimna nħobbu lil xulxin mingħajr differenzi bejnietna għax aħna lkoll ulied l-istess Missier?